

diġà ġie eżegwit kompletament sakemm il-Qorti tal-Ġustizzja tagħti s-sentenza tagħha jew jekk ma jkunx iktar possibbli li d-deċiżjoni tiġi annullata, ir-rikorrenti titlob kumpens finanzjarju (danni) skond l-Artikoli 235 u 288 KE.

- (¹) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanżjarju applikabbli għall-bagħi ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, p. 1).
- (²) Id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2004/18/KE tal-31 ta' Marzu 2004, fuq kordinazzjoni ta' proċeduri għall-għoti ta' kuntratti għal xogħlijiet pubbliċi, kuntratti għal provvisti pubbliċi u kuntratti għal servizzi pubbliċi (ĠU L 134, p. 114).

Deċiżjoni tad-Diviżjoni ta' l-Oppożizzjoni: tilqa' l-oppożizzjoni u tħiġad l-applikazzjoni għal reġistrazzjoni.

Deċiżjoni tal-Bord ta' l-Appell: tħiġad l-appell.

Motivi invokati: Ksur ta' l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 40/94 (¹), minħabba li bejn is-sinjal kunfliġġenti ma teżiġix probabbiltà ta' konfużjoni.

(¹) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 40/94 ta' l-20 ta' Diċembru 1993, dwar it-trade mark Komunitarja (ĠU 1994 L 11, p. 1).

Rikors ippreżzentat fl-24 ta' Jannar 2008 — Cordoniu Napa vs L-UASI — Bodegas Ontañón (ARTESA NAPA VALLEY)

(Kawża T-35/08)

(2008/C 92/67)

Lingwa tar-rikors: L-Ispanjol

Partijiet

Rikorrenti: Cordoniu Napa California (l-Istati Uniti) (rappreżentanti: X. Fàbrega Sabaté u M. Curell Aguilà, avukati)

Konvenut: L-Uffiċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Parti oħra quddiem il-Bord ta' l-Appell: Bodegas Ontañón, S.A.

Talbiet tar-rikorrenti

- tannulla d-deċiżjoni tar-Raba' Bord ta' l-Appell ta' l-Uffiċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (UASI) ta' l-20 ta' Novembru 2007 fil-Każ R 747/2006-4, u
- tikkundanna lill-UASI jbatisse l-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Applikant għat-trade mark Komunitarja: ir-rikorrenti

Trade mark Komunitarja kkonċernata: trade mark figurattiva ARTESA NAPA VALLEY għal prodotti fil-klassi 33 (applikazzjoni Nru 3.079.159).

Proprietarju tat-trade mark jew tas-sinjal invokat in sostenn ta' l-oppożizzjoni: Bodegas Ontañón, S.A.

Trade mark jew sinjal invokat in sostenn ta' l-oppożizzjoni: it-trade mark figurattiva Nru 2/050.623 "ARTESIO" għal prodotti fil-klassijiet 33 u 35, it-trade mark verbali Spanjola Nru 844.194 "LA ARTESA" għal prodotti fil-klassi 33.

Rikors ippreżzentat fit-23 ta' Jannar 2008 — Walton vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-37/08)

(2008/C 92/68)

Lingwa tal-kawża: L-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: Robert Walton (Oxford, Ir-Renju Unit) (rappreżentant: D. Beard, Barrister)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej

Talbiet tar-rikorrenti

- tiddikjara li d-deċiżjoni tal-Kummissjoni għat-tpaċċija tas-somma ta' EUR 36 551,58 mis-somom dovuti lis-Sur Walton bħala riżultat tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża T-144/02 kienet illegali; jew
- tiddikjara li d-deċiżjoni tal-Kummissjoni għat-tpaċċija tas-somma ta' EUR 36 551,58 mis-somom dovuti lis-Sur Walton bħala riżultat tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża T-144/02 kienet parżjalment illegali; jew
- tiddikjara li s-somma ta' EUR 36 551,58 impaċċja mill-Kummissjoni mis-somom dovuti lis-Sur Walton bħala riżultat tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża T-144/02 għandha tiġi kkalkolata mill-ġdid sabiex titneħħa t-talba tal-Kummissjoni għal imgħax; u/jew
- tordna li (a) l-ammont riċevibbli stabbilit ta' EUR 13 104,14 flimkien ma' l-imgħax; u/jew (b) l-ammont reċeċibbli stabbilit ta' EUR 13 815,16 flimkien ma' l-imgħax jiġi kkanċellat; u
- tikkundanna lill-Kummissjoni tħbi l-ispejjeż tar-rikorrent; u
- tordna kull miżura ulterjuri li l-Qorti tal-Ġustizzja tqis bħala ġusta u ekwa.